MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2003

Numru 759/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**CHRISTIAN DALLI**

**Illum 5 ta' Marzu 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christian Dalli ta' 21 sena, iben Peter Paul u Mary Anne xebba Galea,

inmwieled Pieta' nhar id-9 ta' Ottubru 1981, residenti No. 153, Triq l-Oratorju, Bormla, u ghandu l-karta ta' l-Identita' numru 0574981M;

Talli nhar il-5 ta' Dicembru 2001, ghall-habta ta' 02.40hrs, bhala impjegat mad-Denim Services Ltd., ikkommetta serq ta'

26 jeans minn l-istess fabrika, liema valur jeccedi l-mitt lira maltin (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira maltin (Lm1000) ghad-dannu ta l-istess kumpanija liema serq huwa gravat bil-persuna, bil-valur u bil-hin;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentament f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Wara illi rat l-Artikoli 268(a), 267, 270 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi f'dana l-kaz il-Prosekuzzjoni rnexxielha ggib il-provi sufficjenti illi l-imputat prezenti in Awla kien l-awtur ta' dana r-reat miskin.  Inqabad in flagrante u ammetta prontament fl-istqarrija tieghu l-involviment uniku tieghu.

Uniku, il-ghaliex l-imputat, moghti diversi opportunitajiet sabiex jisvela lil min kif jallega hu, gaghlu illi jiehu dawn il-jeans, naqas milli jaghmel dan, u, ghalhekk, naqas milli

jikkopera mal-Pulizija u jibbenefika minn dawk ir-riduzzjonijiet fil-piena kif kontemplati fil-ligi.

Illi l-verita’ hija illi dina l-Qorti m’hihiex qeghda temmen illi l-imputat, b’xi mod, gie imgieghel jisraq dawn il-jeans, stante, illi

jidher illi agixxa b’mod furtiv u kriminali fil-habi ta’ dina l-kwantita’ ta’ jeans. U l-mens rea huwa ovvju – il-qliegh kellu jkun ghalih.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda ssibu hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur ta’ l-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------